MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Numru. 73/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**KONTRA**

**MATTHEW ZAHRA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Matthew Zahra ta' 24 sena bin Vincent u Veronica nee' Ayling, mwieled Pieta' nhar it- 28 ta' Frar 1985, residenti 41B Triq Marsamxett, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 169685(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) F’ Jannar 2006, fix- xhur precedenti f’ dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad- dannu tal- bank HSBC Malta p.l.c, ai terminu tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal- Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) Talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai terminu tal- Artikolu 184 tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

3) Aktar talli sar recidiv b’ sentenza moghtija mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) datata 30 ta’ April 2003 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula ai terminu tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi fil-verbal ta’ llum gie dikjarat li l-flus gew imhallsa lura kollha lill-HSBC Bank, u ghalhekk l-imputat seta’

jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena ai termini tal-Artikolu 337 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront tieghu. Dan ir-reat jirrisali ghas-sena 2006, jigifieri ghal aktar minn erba' snin ilu, u llum l-imputat jinsab f' impieg stabbli u hajja 'l boghod mill-kriminalita'. Inoltre l-ammont mehud b'qerq gie mhallas lura fl-intier tieghu, u ghaldaqstant in vista ta' dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti ma tarax li ghandha taghti piena ta' prigunerija, izda taghti provvediment ta' sanzjoni fil-komunita' ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 184, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reati iehor fi zmien sena, ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------